minn Vincent Zammit

*Irkejjen storiċi*

# Il-banjijiet Rumani — Mġarr

Fil-gżejjer Maltin niltaqgħu ma' diversi fdalijiet li jfakkruna fi żmien ir-Rumani. Mhux kollha kemm huma jinsabu fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Wieħed minn dawn il-postijiet hu dak magħruf bħala l-banjijiet Rumani, li jinsabu fit-Triq li mill-Imġarr, Malta, tasal Għajn Tuffieħa. Illum il-ġurnata dawn il-fdalijiet jinsabu fi stat li wieħed jista' jgħid li huma tal-biki, iżda nafu wkoll li hemm il-ħsieb li minn hawn u ftit xhur oħra sejrin jibdew xogħlijiet biex ma jħallux kollox jispiċċa fix-xejn. Aħna nawguraw li x-xogħol jibda malajr ħalli b'hekk il-fdalijiet uniċi għal Malta jibqgħu f'kundizzjoni tajba.

Dawn il-fdalijiet kienu nstabu minn Sir Themistocles Zammit. Kien hemm li fis-sena 1929 beda l-iskavi tal-post. Wara li naddaf iż-żona mill-ħamrija li kienet akkumulat beda jidher li mhux biss hemm il-fdalijiet ta' bini antik, iżda li kien hemm bini mdaqqas, importanti, u wkoll uniku ta' żmien ir-Rumani.

Għalkemm l-istoriċi jgħidulna li fl-istorja tal-gżejjer tagħna r-Rumani għamlu żmien jgħixu, xorta waħda ma tantx kien għad fadlilna postijiet li jfakkruna fihom. Bis-sejba ta' dawn il-fdalijiet wieħed għalhekk beda jinduna li r-Rumani, jew inkella xi Maltin fi żmien ir-Rumani, kellhom biżżejjed flus biex jibnu post bħal dan.




Pjanta tal-banjijiet Rumani:
Kmamar A sa F - apodutera
Kamra I frigidarium
Kamra H - tapidarium jew sudarium
Kamra K - calidarium
Kamra H - latrinae

Il-fdalijiet juruna d-diversi kmamar li wieħed jistenna li jiltaqa' magħhom f'kumpless tal-banjijiet Rumani, iżda s'issa għad ma nstab xejn dwar il-bini li kien iservi bħala abitazzjoni. Matul l-istess skavi magħmula minn Zammit hu kien għadda l-kumment li n-numru ta' għerien naturali li hemm matul il-wied, setgħu kienu użati anki fi żmien il-preistorja.

Zammit kien tal-fehma li l-preżenza ta' nixxiegħa naturali kienet ir-raġuni għaliex il-lokal minn dejjem kien jilqa' n-nies fih.

## Il-fdalijiet

Hekk kif wieħed jidħol mir-reċint, niltaqgħu ma' ħofra mdaqqsa, li probabbilment kienet il-pixxina tal-banjijiet. Meta nitkellmu dwar dan il-post, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li l-pixxina tar-Rumani ma kinitx bħalma nifhmuha llum. Iżda kienet post fejn l-ilma ma kienx ikun fond. Kien ikun biżżejjed biex dak li jkun joqgħod jimxi jew inkella jpoġġi u joqgħod jitkellem mal-ħbieb tiegħu.



Disinn ta' l-art bil-mużajk

Fuq in-naħa l-oħra tal-pixxina hemm imbagħad diversi kmamar, li mid-disinn fl-art jidhru li kienu żgħar, u probabbilment jintużaw bħala kmamar fejn il-mistednin kienu jmorru jbiddlu ħwejjiġhom. Dawn il-kmamar kienu magħrufa bl-isem ta' *apodutera.*

Id-dekorazzjoni ta' l-art fil-kmamar hi differenti minn xulxin. Filwaqt li hemm kmamar li kienu konnessi ma' xulxin, hemm oħrajn li ma kinux. Barra minhekk, matul l-iskavi, Temi Zammit kien innota wkoll li l-ħitan ta' dawn l-istess kmamar oriġinarjament kienu mżejnin b'kisi li kien jiżżejjen ħalli jixbah lill-irħam.



Dawn huma l-fdalijiet tal-kamra li r-Rumani kienu jsejħulha 'latrinae'

Jifred dawn il-kmamar, li b'kollox hemm sitta, naraw passaġġ, li anki hu jinsab iċċangjat bħad-diversi partijiet oħra tal-kumpless. Ma' ġenb minnhom naraw ukoll gandott ta' l-ilma, apparti li hemm sezzjonijiet fejn jidhru wkoll il-pajpijiet taċ-ċomb.

Imbagħad hemm diversi kmamar oħra, li dawn huma mdaqqsin jekk tqabbilhom ma' dawk li għadna kemm semmejna. L-ewwel kamra li niltaqgħu magħha hi dik li qisha banju ta' l-ilma, fejn jidher ukoll numru ta' tarag biex dak li jkun jista' jinżel minnu.

Hu maħsub li dan il-banju kien ikun mimli b'il-ma kiesaħ, u għalhekk ir-Rumani kienu jirreferu għalih bħala *frigidarium.* Id-disinn ta' din il-kamra hu interessanti. Hu magħmul minn mużajk żgħir, u għandu tliet kuluri differenti, apparti li hu f'forma ta' mqaret.

Il-kamra li jmiss hi meqjusa bħala waħda mill-isbaħ kmamar li nstabu f'dan il-kumpless. Skond Temi Zammit din il-kamra hi magħrufa bħala *tepidrium,* jiġifieri l-ilma hawnhekk kien ikun ilma fietel, u għalhekk fejn wieħed seta' jieħu banju f'dak it-tip ta' ilma. Iżda skond il-Prof. Anthony Bonanno dan il-post jixbah aktar dik il-kamra magħrufa bħala *sudarium,* fejn in-nies kienu joqogħdu fis-sħana tal-fwar, xi ħaġa li nafu li anki llum hi popolari ħafna.

Ta' min ninnutaw li hemm bankijiet fejn wieħed seta' joqgħod bilqiegħda u jitkellem ma' sħabu, filwaqt li l-art hi mxaqilba lejn in-nofs, fejn infatti naraw biċċa rħama maħduma fit-tond, u b'toqba żgħira fin-nofs. Din kienet biex l-ilma jibqa' nieżel minn ġo fiha. Id-disinn tal-kamra hu sabiħ immens. Biss minħabba l-kumplikazzjoni tiegħu wieħed jista' japprezzah aktar jekk ikun hu stess li jmur jarah.

Hekk kif toħroġ minn din il-kamra hemm passaġġ u fuq in-naħa l-oħra nstabu l-fdalijiet ta' kamra ferm importanti. Din kienet magħrufa bħala *calidarium.* Il-forma ta' din il-kamra hi kemmxejn stramba. Jidhru wkoll il-bażijiet ta' diversi arkati li kienu jżommu l-art tal-kamra sserraħ fuqhom. Dan minħabba li hawnhekk kien ikun hawn in-nar jagħti taħt l-art, filwaqt li l-ilma li jkun għaddej minn hemm ikun qiegħed jisaħħan. U b'hekk wieħed seta' jieħu banju b'ilma sħun. Hi verament sfortuna li minn meta kienet skavata sa llum din il-kamra laħqet tilfet diversi partijiet minnha.

Fuq in-naħa l-oħra tagħha hemm imbagħad il-*latrinae.* Din il-kamra hi ferm interessanti minħabba li naraw bank idur ma' tliet naħiet tagħha, u fuq dan l-istess bank hemm post għal disgħa min-nies. Jiġifieri, dan il-post kien pubbliku sew, għax ma jidhirx li kien hemm ħitan diviżorji li jifirdu lil dawk li jkunu qegħdin jinqdew minħabba l-bżonnijiet naturali tagħhom. Jidher li l-post kien jitnaddaf billi tintrefa' l-istess parti fejn ipoġġu n-nies, apparti li kien hemm ukoll gandott mnejn l-ilma kien ikun għaddej il-ħin kollu.

Dan il-kumpless ta' banjijiet Rumani hu verament wieħed ta' min iżuru, għax barra l-fatt li bħalu m'għandniex, fl-istess ħin ir-rikkezza li hemm fix-xogħol ta' l-irħam u tal-mużajk hi xi ħaġa li trid taraha biex tapprezzaha sew. Fl-istess ħin bi żjara lil dan il-post inkunu qegħdin inkabbru l-istess tagħrif dwar ir-Rumani u nindunaw li dan il-poplu fil-gżejjer tagħna jidher li kien aktar moħħu fit-temp ħieles u rilassanti, milli fil-problemi ta' kuljum bħal ngħidu aħna politika, u manuvri fil-belt.